MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 152/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Victor Aquilina**

**Illum, 16 ta' Novembru, 2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Settembru, 2008 ghall-habta tal-11.35 a.m. fil-Furjana :-

1. espona taxi bin-numru tar-registrazzjoni CTY-084 barra mill-venda jew post provdut ghal dan il-ghan;
2. volontarjament kiser il-paci pubblika w il-bon ordni b'ghajjat u glied;
3. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija esekuttiva, fixilhom jew b'xi mod iehor gab fix-xejn dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;
4. bi kliem insulenta jew hedded lil PC 29 persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien

jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2009, li biha, bin-nuqqas ta' provi, lliberatu

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tghaddi sabiex taghmel minnha skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma tatx il-permess lill-prosekuzzjoni tressaq prova indispensabbli b'sostenn ghall-akkuzi migjuba kontra l-appellat. Illi x-xiehda ta' PC 29 Tancred Debono hija l-unika prova li l-prosekuzzjoni kellha xi tressaq f'dan il-kaz u fid-dawl tal-fatt li hu kien ukoll il-vittma f'dan il-kaz, l-essenzjalita' jew ahjar l-indispensabbilita' tieghu f'din il-kawza hija wahda manifesta. B'hekk fl-umli opinjoni tal-appellant, ix-xiehda ta' PC 29 kellha piz bil-wisq akbar minn kawzi simili fejn il-prosekuzzjoni jkollha aktar minn xhud wiehed xi tressaq.

Ikkunsidrat

L-ilment ta' l-Avukat Generali huwa bbazat fuq il-fatt illi PC 29 Tacred Debono, l-unika prova tal-prosekuzzjoni, ma thalliehx jixhed f'din il-kawza w l-Qorti qabdet u lliberat lill-appellat peress illi l-prosekuzzjoni ma gabitx provi.
Irrizulta illi fl-ewwel seduta tat-13 ta' Novembru, 2008 PC 29 deher izda peress illi kien hemm zball fic-citazzjoni l-Qorti gustament ordnat li l-imputat jigi notifikat mill-gdid bic-citazzjoni kif korrett. Is-seduta thalliet ghall-5 ta' Mejju, 2009. Dak inhar PC 29 ma deherx ghax kien imsiefer u l-

Qorti ghaddiet ghall-liberazzjoni tal-imputat fuq nuqqas ta' provi. Imkien ma rrizulta illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha jew talbet li l-kawza tigi deciza.

Din il-Qorti jidhrilha li l-Avukat Generali ghandu ragun u l-Ewwel Qorti ma setghetx tghaddi ghas-sentenza minghajr ma l-ewwel isma' l-provi kollha tal-prosekuzzjoni. Ma kienx tort tal-prosekuzzjoni illi PC 29 ma deherx fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2009 u ghalhekk bir-rispett ma setghetx tigi penalizzata billi tigi dikjarat liberatorja fuq nuqqas ta' provi meta dan in-nuqqas ma kienx tort il-prosekuzzjoni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **["Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et." deciza mill-Appell Kriminali 3 ta' Dicembru, 1993]** ***"..... l-Ewwel Qorti ma kellhiex tghaddi ghas-sentenza u tippriva lill-prosekuzzjoni bil-possibilita' billi ggib ix-xiehda una volta li l-istess prosekuzzjoni ma kellha ebda tort fil-fatt illi l-istess xiehda debitament imharka ma dehrux. Kieku kien il-kaz li l-prosekuzzjoni naqset illi tingungihom, allura l-Ewwel Qorti kien ikollha ragun, imma la dan mhuwiex il-kaz, u l-prosekuzzjoni ma kellha assolutament l-ebda tort, ma kienx il-kaz illi jsir effettivament sar"*** (ara wkoll **"Il-Pulizija vs. Clive Debono" App. Krim. 14.09.2004** u sentenzi hemm ikkwotati). Mhux il-kaz li din il-Qorti tiddipartixxi minn dan l-insenjament, u fic-cirkostanzi partikolari ta' kif zvolga l-iter tal-process, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghalhekk sabiex il-partijiet ma jigux ipprivati mill-beneficcju tad-*doppio esami* din il-Qorti sejra filwaqt illi tilqa' l-appell, tirrinvijja l-atti lill-Ewwel Qorti biex tisma' l-provi w tiddeciedi l-kaz skond il-haqq u l-Ligi.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tirrinvijja l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex isir dak illi nghad fil-paragrafu precedenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------